**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 24 / 2022**

**IL-PULIZIJA**

**( Spettur Andrew Agius )**

**-vs-**

**SARAH ZAMMIT**

Illum 27 t' April, 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti SARAH ZAMMIT ta' 30 sena, Sarah Zammit ta' 30 sena, bint Anthony u Jacqueline nee' Grima, imwielda Pieta' nhar iz-19 ta' Jannar 1991, li toqghod fil-Facilita Korretiva ta' Kordin, Triq il-Belt Valletta, Rahal Gdid u detentur tal-karta tal-identita' numru 63891 (M), akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Bejn is-saghtejn ta' wara nofsinhar ( 14:00hrs ) u s-sebgha ta' wara nofsinhar ( 19:00hrs) ta' nhar is-16 ta' Frar 2021, minn gewwa l-istabilliment maghruf bhala ' Gallarija Darmanin' , sitwat gewwa Triq Dun Karm, Iklin, ikkommettiet serq ta' diversi oggetti ghad dannu tas-sidien tas-socjeta'

Darmanin Footwear Ltd. u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, izda li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu ( €2,329.37 );

2. u aktar talli bejn il-hdax ta' filghodu (11:00hrs) u t-tmienja ta' wara nofsinhar (20:00hrs) ta' nhar is-07 ta' Marzu 2021, minn gewwa l-istabilliment maghruf bhala ' Franks Perfumary' , sitwat gewwa Baystreet Complex, Triq Santu Wistin, San Giljan, b' xi mod li jkun, xjentement, fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat, ghenet jew assistiet lill-Mahmoud Moghrabi b' mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ghas-sidien ta' Franks Stores Limited u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema hsara ma teccedix hames mitt euro (€500);

3. u aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi f' dawn il-Gzejjer, b' xi mod li jkun, xjentement,fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat, ghenet jew assistiet lill-Mahmoud Moghrabi jiffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b' xi att pubbliku tal-Gvern;

4. u aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi f' dawn il-Gzejjer, b' xi mod li jkun, xjentement, fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat, ghenet jew assistiet lill-Mahmoud Moghrabi jghamel falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet,

dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi ghad-dannu ta' Thuheer Kursaishi u/jew ta' persuna jew persuni ohra;

5. u aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi f' dawn il-Gzejjer, b' xi mod li jkun, xjentement, fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat, ghenet jew assistiet lill-Mahmoud Moghrabi jaghmel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

6. u aktar talli bejn il-hdax ta' filghodu (11:00hrs) u s-siegha ta' wara nofsinhar (13:00hrs) ta' nhar it-12 ta' Marzu 2021, gewwa l-Isptar Mater Dei, Triq Dun Karm, Msida ghamlet offiza fuq il-persuna ta' PC2203 Chantelle Zahra, persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qieghdha taghmel jew minhabba li kienet qieghdha taghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzgha jew li tinfluwixxi fuq PC2203 Chante Zahra kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

7. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakat jew ghamlet rezistenza bi vjole jew b' hebb, ta' xorta li ma' titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC2203 Chantelle Zahra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorità kompetenti;

8. u aktar talli kkommettiet reat li ghalih hemm piena ta' prigunerina, waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilha nhar it-18 ta' Novembru, 2020, mill-Qrati ta' Malta ( Onor. Imhallef Dr. E. Grima LL. D).

9. u aktar talli bejn nofsinhar (12:00hrs) u s-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) ta' nhar it-13 ta' Marzu 2021, naqset milli thares il-kundizzjonijiet imposti fuqha b' kundizzjoni ta' rilaxx tal-Pulizija datat 12 ta' Marzu 2021 li permezz taghhom inghatat il-helsien mill-arrest b' diversi kundizzjonijiet

fosthom li tirraporta fl-ufficju tal-Ispettur Andrew Agius nhar is-Sibt 13 ta' Marzu 2021 fis-siegha ta' wara nofsinhar (13:00hrs) gewwa l-ghassa ta' Birkirkara;

10. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, talli fl-istess data, hin u cirkostanzi f' dawn il-Gzejjer, irrendiet ruha recediva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta b' sentenzi definittivi u li ma jistawx jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ( Malta ) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar it-12 t' Ottubru, 2022, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputata hatja tar-reati addebitati fit-tieni, it-tielet, ir-raba' , il-hames u t-tmien imputazzjonijiet u lanqas ma sabitha hatja tal-addebitu tar-recidiva u lliberatha, wara li rat l-Artikoli 11 ( 3 ), 14 ( 1 ), 17, 31, 95, 96, 221 ( 3 ) ( b )[1], 261 ( c ), 267, 279 ( a ) u 355 A. L. ( 3 ) ( 5 ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil SARAH ZAMMIT hatja tal-ewwel, is-sitt, is-seba' u d-disa' imputazzjonijiet u kkundannatha ghaxar ( 10 ) xhur prigunerija effettiva u multa komplessiva ta' erbat elef u erba' mitt Euro ( €4,400 ) pagabbli sa mhux iktar tard minn zmien tnax (12)-il xahar u fin-nuqqas, il-multa tigi konvertita fi tliet (3) xhur prigunerija.

Ghall-finijiet tal-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ordnat li kull zmien qabel illum li l-hatja tkun inzammet fil-habs ghar-reati li taghhom qieghda tinstab hatja u kkundannata permezz ta' din is-sentenza, jitqies bhala parti miz-zmien ta' prigunerija taht u ghall-fini ta' din il-kundanna tal-lum.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412 D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghdet ukoll lil SARAH ZAMMIT taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tliet (3) snin mil-lum sabiex teghleb il-vizzju tad-droga u dan skont it-termini u kundizzjonijiet u ghall-finijiet

[1] Iz-zieda fil-piena skont l-Artikolu 222( 1 )( c ) tal-Kap. 9 ma tapplikax ghal reati taht l-Artikolu 221( 3) tal-Kap. 9.

specifikati fl-Ordni moghtija kontestwalment, liema Ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti ordnat illi din is-sentenza u l-Ordni ta' Trattament jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole kif ukoll lill-Kap Ezekuttiv tal-Agenzija tas-Servizzi Korrettivi ghall-fini tal-implementazzjoni tal-istess Ordni waqt li l-hatja tkun qed tiskonta l-piena ta' prigunerija.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lil SARAH ZAMMIT thallas lis-socjeta' Darmanin Footwear Limited is-somma ta' mija u tmintax-il Euro (€118) cioe' nofs il-valur tal-oggetti misruqa in linea ta' kumpens ghat-telf soffert b' rizultat tal-kommissjoni tar-reat ta' serq li nstabet hatja tieghu, liema ammont ghandu jithallas fi zmien sitt ( 6 ) xhur mid-data meta tkun giet skontata l-piena ta' prigunerija. Dan l-ordni ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Billi ma jirrizultax li gew mahtura xi esperti f' dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba maghmula mill-Prosekuzzjoni taht l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Sarah Zammit minnha pprezentat fis-26 t' Ottubru, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fil-parti fejn illiberat lil appellanti, cjoe mill-tieni, tielet, raba, hamest u tmien akkuzi, u, filwaqt li thassar s-sentenza parzjali fejn cahdet talba ai termini tal-art. 8 tal-Kap 537, kif wkoll thassarha u tirrevokha in rigward fejn instabet hatja cjoe' fl-ewwel, s-sitt, is-seba u disa imputazzjoni, u kwindi tilliberha minn kull htija u piena.

Minghajr pregudizzju f kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriformha fil-piena nflitta u tinfliggi piena anqas harxa u iktar idonea u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat illi l-aggravi huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi primarjament, l-esponenti giet akkuzata f' perjodu meta hija kienet tqila u fi stadju avvanzata kienet it-tqala. Dan bl-ebda mod ma jiggustifika li mara tqila twettaq xi reati, izda, l-akkuza li m' obdietx Police Bail, ghax ma rrapurtatx fl-Ghassa ma tisthoqx li tinghata piena karcerarja.

L-istess cahda ta' digriet sabiex l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga kienet ibbazata ghaliex skond l-Ewwel Qorti l-esponenti ghamlet offiza fuq kuntistabbli għax ma hallietix tpejjep. Dan ma jirrizultax mill-provi mressqa stante li l-esponenti imbuttat bla ma feriet lill-iskorta taghha, u konsiderandosi mara fi stadju avvanzat ta' tqala imbuttat lil poliziotta, certament m'ghandux ikun ta' xkiel sabiex persuna vittma tad-droga, ma tinghatax l-opportunitajiet kollha ezistenti sabiex tfiq!

Illi, l-appellanti giet illiberata minn l-akkuza ta' recediva kif wkoll mill-akkuzi ta' frodi permezz ta' cheques mahruga, izda l-Ewwel Qorti ghamlet enfasi fuq l-incident li sehh l-isptar meta l-appellanti riedet tpejjep sigarett waqt li minhabba tqala tagħha kienet qiedgha tinzamm ghal attenzjoni medika. Fuq dan il-fattur, kienet michuda talba li saret ai termini tal-Art. 8 tal-Kap 537, u fuq dan il-fattur qieghed ikun ikkontestat l-aggravvju principali;

Illi permezz ta' kawza deciza mill-Prim Awla sede Kostituzzjonali, fl-ismijiet, Reuben Micallef vs Avv. tal-Istat [Ref: 484/2021 per JVC), kien iddikkjarat illi l-provediment fl-istess Kap 537 li jekk l-akkuzi jeccedu 7 snin prigunerija l-art. 8 ma japplikax, jiksru drittijiet umani, stante li l-Legislatur ghamel dan il-Kapitolu bl-ghan ahhari li persuni ivvizzjati serjament bid-droga jkollhom kull opportunita' ta' fejqan;

Illi ghal dan il-ghan huwa pertinenti illi waqt trattazzjoni ta' dan l-appell tkun ipprodotta x-xhud Ms. Roberta Holland mill-Ufficcju Bord dwar Qorti ta' Droga, sabiex tirrelata dwar il-kaz in ezami.

**Ikkunsidrat,**

L-aggravji tal-appellanti huma principarjament tnejn u cioe' li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u li s-sentenza mposta hija wahda sproporzjonata u esagerata. Ghaldaqstant din il-Qorti tixtieq tibda billi minnufih tghid illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet raggjonevolment u legalment tasal għall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezerċitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[2]

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Magistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Fis-

---

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; **ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi,** 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali nferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et,** 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991

sentenza **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) intqal:

> *'kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax iddiskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik lewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghallkonkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik iddiskrezzjoni u konkluzjoni.'*

Anke jekk din il-Qorti tistharreg ix-xhieda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati, l-irwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' revizjoni tad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni taghha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma tergax tisma' l-kaz u tiddeciedi l-kaz mill-gdid. Id-decizjoni jekk l-imputat ikunx hati jew le tehodha l-Qorti tal-Magistrati, li ghandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal ghall-konkluzjonijiet taghha. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati billi tara jekk u safejn, bis-sahha tal-provi li jkunu gew migjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Magistrati, setghetx dik il-Qorti legalment u ragonevolment tasal għall-konkluzjoni milhuqa minnha fis-sentenza taghha. Biex taghmel dan ix-xoghol ta' revizjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Magistrati setghetx tasal ghall-konkluzjonijiet taghha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Ligi.

In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **__Il-Pulizija vs. Vincent Calleja__** deciza nhar is-7 ta' Marzu, 2002, din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ma tergax taghmel gudizzju gdid fuq il-kaz f'dak li ghandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz, izda tillimita biss ruhha biex tara jekk id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati kinitx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bazi tar-rizultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati sakemm id-decizjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jigifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Magistrati setghet legittimament u ragonevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq il-bazi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konkluzjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setghet kienet tasal ghall-konkluzjoni differenti minn dik milhuqa mill-Qorti tal-Magistrati.

Din il-Qorti ghalhekk sejra issa tghaddi sabiex tara l-evidenza migjuba quddiem l-Ewwel Qorti.

**__L-Ispettur Andrew Agius__**[3] xehed nhar is-27 ta' Jannar, 2022, fejn qal li nhar is-16 ta' Frar, 2021, Christian Carm Darmanin bhala Manager tal-istabbiliment Gallarija Darmanin kien irraporta gewwa l-ghassa ta' Birkirkara li dakinhar stess l-haddiema tieghu kienu nnutaw ragel u mara li meta hargu mill-hanut daqqet l-alarm. Il-haddiema tieghu marru sabiex iwaqqfuhom izda dawn kienu hargu jigru minn gewwa l-istabbiliment. Darmanin kien ra l-filmat tas-sistema tas-sigurta' u seta' jinnotta li dawn l-individwi hargu b'madwar tmien oggetti mill-hanut minghajr ma hallsu ghalihom. Hu qal ukoll li huma x'hin hargu minn gewwa l-hanut dahlu go taxi tal-ecabs bin-numru tar-registrazzjoni KLY201. Hu esebixxa kopja tac-CCTV kif ukoll ritratti tal-istess filmat. Jghid li saru jafu li x-xufier tal-ecabs kien certu Dragan Petrovic u l-*booking* tal-karozza kien sar f'isem l-appellanti. Petrovic kien attenda gewwa l-ghassa fejn kien qal li gabar liz-zewg individwi minn quddiem KFC Gzira u li kien hadhom l-Iklin quddiem il-hanut Terranova. Hu qaghad idur mal-blokka sakemm

[3] Fol. 36 et seq tal-process.

huma dahhlu fl-istabbiliment u meta rahhom hargu jigru, rikkibhom u hadhom gewwa l-Gzira fejn l-appellanti dahlet gewwa binja li giet murija lill-pulizija fuq Google maps. Petrovic spjega kif ir-ragel kien talbu jiehdu gewwa l-ghassa Sliema fejn dan dam ftit minuti u rega talbu li jiehdu fl-indirizz gewwa l-Gzira. Kien stabbilit li certu Mahmood Mocravi kien mar l-ghassa Sliema fejn  gabar riferta tieghu u tal-appellanti. Nhar il-11 ta' Marzu, 2021 kienu gew arrestati fejn fil-prezenza taghhom kien hemm ukoll certu Mickela Bonello ta' Peppin Garage li stqarret li kienet ilha twassal lill-appellanti u individwu iehor go postijiet differenti mit-3 ta' Marzu 2021. Fil-van kien instabu xi fwejjah u basktijiet u Bonello ghaddiet lista tal-postijiet li kienet wasslet lill-appellanti u lill-individwu iehor lill-pulizija. L-appellanti kienet giet arrestata u minhabba ragunijiet ta'sahha ghamlet sat-12 ta' Marzu, 2021, gewwa l-isptar. Hija kienet giet moghtija *police bail* sabiex tattendi l-ghassa B'Kara nhar it-13 ta' Marzu, 2021. Hu esebixxa kopja tal-*bail conditions.* Oltre minn hekk xehed ukoll illi waqt li kienet l-isptar l-appellanti hebbet ghal PC2203 Chantelle Zahra u kkawzatilha griehi hfief. Hu pprezenta kopja tac-certifikat u l-flokk mustard elevat minn fuq l-appellanti dakinhar li jidher jixbah l-istess flok li jidher fil-filmat tal-Gallarija Darmanin. L-appellanti ma obdietx il-*bail conditions* u giet arrestata fejn anke rrilaxat stqarrija li giet wkoll esebita.

Fl-istqarrija l-appellanti ghazlet li ma twegibx ghall-maggorparti tal-mistoqsijiet maghmulha lilha kif del resto kul dritt li taghmel . Madankollu, qalet li ghandha kawzi pendenti mal-pulizija, li ghandha l-vizzju tad-droga u li hija disokkupata. Mistoqsija jekk hebbitx ghal PC2203 hi tghid illi hi talbitha sabiex tohrog tpejjep sigarett u qaltilha li ma setghetx u allura hi qamet bil-wieqfa u baqghet tinsisti sabiex tohrog. Il-pulizija riedet timmanetjaha mas-sodda u ma rieditx u ghalhekk imbuttata. Sussegwentament din giet mitluba tghaddi l-hwejjeg li kellha fuqha ghaliex riedhom l-ispettur. Hi qalet ukoll li ma rrikoritx gewwa l-ghassa skond il-*police bail* ghaliex ma rieditx li jkollha t-tarbija fil-habs. Mistoqsija jekk iddispjacijiex talli ghamlet hi wiegbet fl-affermattiv u qalet li ghamlet ghamlitu habba d-droga  u ghax dejjem kienet *homeless* u nfatti kienet ghadha *homeless* sa dakinhar.

L-Ispettur Agius[4] rega' xehed nhar is-27 t' April, 2022, fejn ipprezenta rcevuta tal-oggetti li gew elevati mill-vettura ta' Peppin Garage li kienet misjuqa minn Michela Bonello.

**PS 918 Clayton Azzopardi**[5] xehed nhar l-14 ta' Frar, 2022 fejn qal li kwazi sena qabel kien mar jaghmel rapport certu Christian Carl Darmanin li zewg individwi, mara u ragel, kienu serqu xi affarijiet mill-istabbiliment ta' Gallarija Darmanin u wara harbu minn fuq il-post billi rikbu go karozza tal-ecabs bin-numru tar-registrazzjoni KLY 201. Ix-xufier kien certu Dragan, fejn dan kien baghat ghalih u qallu li l-persuna li kienet cemplet kienet Sarah Zammit. Dragan kien spjega lill-pulizija fejn kien hadhom, fosthom anke Gallarija Darmanin fejn dan anke rahhom hergin b'xi hwejjeg f'idhom. Dan tal-ahhar qalilhom ukoll li dawn ippruvaw ihallsuh bil-hwejjeg bit-tiketta izda dan ma accettax. Infatti kienu hallsuh inqas minn dak mitlub u wara li stenna iktar minn tlett kwarti hu telaq 'l hemm. Spjega kif l-appellanti u l-individwu l-iehor ma setawx jinsabu u anke kienu nhargu mandati fil-konfront taghhom u thallew xi pulizija fl-akwati tal-Gzira. Fil-11 ta' Marzu kienu gew innutati nezlin minn go van fejn fih instabu fwejjah u xi affarijiet ohra. Hu kien ghamel lista tal-affarijiet kollha li gew sekwestrati u tkellem max-xufiera certu Michela Bonello li kienet tahdem mal-kumpanija Peppin. Hu kkonferma li meta x-xufier Dragan wassal lill-individwu ragel l-ghassa Sliema, dan gabar riferta tieghu u ohra ta' Sarah Zammit. Hu kkonferma wkoll li l-vettura tal-ecabs kienet ibbukjata fuq Zammit.

**Christian Carl Darmanin**[6] xehed nhar it-3 ta' Marzu, 2022, fejn qal li hu d-direttur ta' Darmanin Footwear Limited u li fil-kaz in kwistjoni kien hemm zewg individwi li serqu xi oggetti m'Teamsport, x'hin hargu daqqet l-alarm u zewg kollegi tieghu ppruvaw iwaqqfuhom izda dawn rikbu go taxi. Spjega li dak il-hin hu ma kienx hemm izda kien hemm certu Sonia Psaila u Michelle. Hu jghid li kien fl-istabbiliment fuq u meta cemplulu huwa nizel. Jghid li ra l-filmat, fejn mara u ragel dahhlu xi hwejjeg u

[4] Fol. 133 et seq tal-process.
[5] Fol. 53 et seq tal-process.
[6] Fol. 71 et seq tal-process.

zraben fic-*changing room* u tefawhom f'basktijiet, nehhew l-alarms u nizlu isfel. Qal li gharaf lill-appellanti bhala l-persuna li dehret fuq il-filmat u li kienet libsa gakketta safra u jeans fis-serqa ta' madwar disa' xhur qabel. Spjega li nsterqu xi affarijiet u cioe' xi sitt jew seba' oggetti li kienu jammontaw ghal madwar erba'mija u hamsin (€450)/ hames mitt euro (€500).

Is-Sur Darmanin[7] rega' xehed nhar l-24 ta' Marzu, 2022, u qal li kienu nsterqu hames bicciet ta' hwejjeg u zarbun li l-*cost price* kien ta' mitejn, sitta' u tletin euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€236.27) u s-*selling price* huwa l-fuq minn hames mitt euro (€500). Hu spjega li jaf x'insteraq mhux mill-filmat biss, izda sabu tags go hwejjeg ohrajn fil-hanut ukoll. Qal li huma jaghmlu zewg tipi ta' alarms, u jista' jkun li l-appellanti u r-ragel li kien maghha daqqu huma u hergin mill-hanut ghax nesew xi alarm. Kien hemm *sales-assistant* li kienet *cash-point* li meta daqq l-alarm marret tigri izda l-appellanti u l-individwu l-iehor harbu minn fuq il-post. Hu kkonferma li ma rax x'effettivament kien hemm fil-basktijiet tal-appellanti u l-individwu l-iehor.

**<u>PC 100 Glen Agius</u>**[8] xehed nhar it-3 ta' Marzu, 2022 fejn qal li nhar il-11 ta' Marzu, 2021 gew moghtija stuzzjonijiet hu flimkien ma PC 1507 sabiex jirraportaw gewwa triq il-Gzira, Gzira fejn waslu ghall-habta ta' 10.30am u ezattament ghal 11.37 raw zewg individwi li kienu mfittxija mill-pulizija u cioe' certu Sarah Zammit u Mahmoud Mograbi. Huma rawhom dehlin fi blokk faccata ta' fejn kienu huma u malli hargu tawhom id-drittijiet taghhom, imbghad wasal is-surgent 918 u ha over hu. Hu gharaf lill-appellanti gewwa l-awla quddiem l-Ewwel Qorti. Hu spjega kif fit-taxi li kien hemm mal-appellanti nstabu diversi oggetti fosthom fwieha u xi affarijiet ohrajn.

**<u>PC 2203 Chantelle Zahra</u>**[9] xehedet nhar it-3 ta' Marzu, 2022 fejn qalet illi nhar it-12 ta' Marzu kien il-Gimgha u kienet xoghol mis-6am sa 7pm u rceviet telefonata sabiex tmur *fixed point* l-isptar mal-appellanti. Meta kienet qedgha hemmhekk ghall-habta ta'

[7] Fol. 96 et seq. tal-process.
[8] Fol. 78 et seq. tal-process.
[9] Fol. 81 et seq. tal-process.

nofs inhar l-appellanti rceviet basket minghand xi familjari u qaltilha li riedet tohrog tpejjep barra. Spjegat illi hi kienet qalet lill-appellanti illi hu kellha ordnijiet minn ta' fuqha u anke minn ta' l-isptar li l-appellanti ma setghetx tohrog barra mill-kamra. L-appellanti giet aggressiva u qaltilha sabiex tikkalma. L-appellanti ppruvat tohrog il-barra u hi marret izommilha l-bieb u kien hawn hekk li l-appellanti hebbet ghaliha, granfatilha wiccha u tilfitilha n-numru tal-uniformi.

**PS 750 Terry James Mallia**[10] xehed nhar it-3 ta' Marzu, 2022 fejn qal illi nhar il-11 ta' Marzu, 2021 sar rapport li fis-7 ta' Marzu, 2021 kien hemm xi persuni li marru Franks Perfumery u xtraw ammont konsiderevoli ta' fwejjah u hallsu b'cheque li kien jappartjeni lil kumpanija. Meta marru sabiex isarrfu dan ic-cheque, dan tal-ahhar ibbouncja. Hu ghaddha c-cheque lill-Ispettur u pprezenta kopja tar-rapport quddiem l-Ewwel Qorti.

**Mahmood Mograbi**[11] xehed nhar l-24 ta' Marzu, 2022 fejn ghazel li ma jixhidx u dan stante li l-proceduri kontrih kienu ghadhom pendenti.

**Kuraishi Thuheer**[12] xehed nhar il-11 t' April, 2022 fejn qal li s-sena ta' qabel hu kien ghamel rapport li kissrulu l-hgieg ta' *truck* u serqulu ghodda u c-*cheque book* li hu rregistrat fuq Kuraishi Ltd. Hu kien ghamel rapport biex iwaqqaf ic-*cheque book*.

**Michela Bonello**[13] xehedet nhar il- 11 t' April, 2022 fejn qalet li kienet tahdem ma Peppin u kienu jibghatulha n-nies fuq l-*application*, u cioe' mara Maltija u ragel barrani li ghandhom fuq it-tletinijiet. Fost il-postijiet li hija kienet hadithom, hija semmiet San Gwann, Ta' Xbiex fejn ir-Remedies u tas-Sliema fejn gabru l-affarijiet taghhom ghax kienu qed jiccaqalqu minn post ghall-iehor. L-appellanti kienet saqsitha ridietx fwieha u hi wegbitha li le. Dakinhar li gew il-pulizija hi tghid li l-appellanti u r-ragel l-iehor

[10] Fol. 83 et seq. tal-process.
[11] Fol. 101 et seq. tal-process.
[12] Fol. 106 et seq. tal-process.
[13] Fol. 109 et seq tal-process.

kienu qalulha sabiex twassalhom il-Gzira wara l-KFC. Hija gharrfet lill-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti.

**<u>Samantha Hollyoak</u>**[14] xehedet nhar il-11 t'April, 2022 fejn qalet li tahdem fil-hanut *Franks* u nhar is-7 ta' Marzu, 2021 dahhlu koppja u xtraw tlett ifwejjah b'cheque. Spjegat li c-*cheque book* ma kienx f'isem l-individwi u r-ragel kien qalilha li dan kien fuq il-kumpanija tieghu bl-isem Kurachi. Hi spjegat illi kienet ghamlet ftit ricerka fuq *Facebook* u rrizultala li l-kumpanija vera kienet tezisti u allura accettat il-hlas b'*cheque.* Madankollu, dakinhar spjegat li meta l-appellanti u l-individwu l-iehor regghu marru ghat-tieni darba fl-istess gurnata sabiex jixtru hija ghorkitha ghajnejha u ma accettatx it-tieni *sale.* Hi spjegat illi l-appellanti kellha xagharha twil u skur u kienet *fidgety*.

**<u>Dragan Petrovic</u>**[15] xehed nhar is-27 t' April, 2022 fejn qal li hu kien wassal lill-appellanti u lill-individwu l-iehor, Birkirkara, tal-Lira u l-ghassa Sliema. Wara spjega li wassalhom id-dar izda ma kellhomx flus bizejjed sabiex ihallsu ghas-servizz u offrewlu anke sabiex ihallsuh bi hwejjeg. Hu jiftakar li wassalhom hdejn hanut Birkirkara u li r-ragel kien Gharbi u li kien qallu li kien mill-Palestina. Qal li jiftakar li snien l-appellanti kienu mhassra u li kellha xaghrha twil. Hu ma gharafx l-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti.

**<u>Marvin Briffa</u>**[16] xehed nhar is-27 t' April, 2022 fejn qal li kien xoghol gewwa l-*control room* tal-ecabs u kien cempillu xufier certu Dragna Petrovic u kien infurmah li kien hemm xi klijenti li hallsuh inqas milli kien talabhom. Jghid li Petrovic kien qallu li riedu jhallsuh b'xi hwejjeg. Hu qal li l-klijenti jaf li kienu ghamlu xi stops madankollu meta x-xufier cempillu dan kien qieghed il-Gzira hdejn Muscat Motors. Jghid li jaf li x-xufier kien qallu li l-klijenti kienu mara u ragel izda ma jafx x'nazzjonalita' kienu.

[14] Fol. 114 et seq. tal-process.
[15] Fol. 118 et seq. tal-process.
[16] Fol. 125 et seq. tal-process.

**Daniel Fernando Salazar Prada**[17] xehed nhar is-27 t' April, 2022 fejn qal li hu jahdem bhala *dispacher* mal-ecabs izda ma jiftakarx f'telefonata li kellu hu fejn kien cempel ix-xufier Dragan Petrovic.

**Cedric Sciberras**[18] xehed nhar is-27 t' April, 2022 fejn qal li jahdem ma Peppin u kienu cemplulu l-pulizija fejn talbuh informazzjoni ta' fejn kienet tinsab wahda mill-vetturi taghhom u hu kien ghaddilhom din l-informazzjoni. Ix-xufiera kienet certu Michela Bonello u din kienet qaltlu li l-pulizija kienu qed jahsbu li n-nies li kellha maghha serqu xi affarijiet. Hu xehed illi ma jafx min kienu dawn in-nies.

**Dr Daniel John Mizzi**[19] xehed nhar it-18 ta' Mejju, 2022 fejn qal li jahdem gewwa l-emergenza f' Mater Dei u muri certifikat mediku, hu jghid li jgharrfu u li kien ezamina lil Chantelle Zara fit-12 ta' Marzu, 2022. Hu spjega illi minn ezaminazzjoni tieghu ma kienx ra evidenza ta' griehi. Mistoqsi ghaliex hemm miktub '*slight complications*' hu qal li minkejja li ma kienx jidher li hemm griehi, mhux kull marka tidher u allura xorta tigi bhala *slight injury* u jara jekk jinqalawx kumplikazzjonijiet iktar tard. Mistoqsi jekk il-pazjenta indikatlux kelliex xi ugiegh u fejn, hu wiegeb li ma jiftakarx.

Ikkunsidrat,

L-Ewwel Qorti sabet lill-appellanti hatja tal-ewwel, sitt, seba' u disa' mputazzjonijiet migjuba kontra taghha. Ghaldaqstant, fil-kunsiderazzjoni taghha ghall-aggravju tal-apprezzament tal-provi din il-Qorti sejra ddur dawn l-erba' imputazzjonijiet b'mod individwali.

Illi fir-rigward **tal-ewwel akkuza** u cioe' is-serq ikkwalifikat bil-valur mill-istabbiliment Darmanin Footwear Limited din il-Qorti jidrilha li l-prosekuzzjoni rnexxilha ggib provi minghajr dubbju dettat mir-raguni illi l-appellanti hija tassew

[17] Fol. 128 et seq tal-process.
[18] Fol. 130 et seq tal-process.
[19] Fol. 139 et seq tal-process.

hatja ta' dan ir-reat. A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza partikolari ghall-filmat ta' CCTV esebit fl-atti, ir-ritratti tal-istess CCTV u l-flok tal-appellanti esebit ukoll fl-atti li huwa simili hafna ghall-flok li l-appellanti kienet liebsa fil-filmati tal-istabbiliment ta' Gallarija Darmanin. Oltre minn hekk ta' mportanza wkoll hija x-xhieda ta' Christian Carm Darmanin li mhux biss ivverifika l-valur tal-affarijiet li gew misruqa izda kkonferma wkoll in-numru tar-registrazzjoni tat-taxi li l-appellanti u r-ragel li kien maghha harbu fiha. PS 918 Clayton Azzopardi xehed ukoll illi minn investigazjonijiet li hu kien ghamel irrizulta li t-taxi tal-ecabs kienet ibbukjata fuq l-istess appellanti. Minkejja li x-xufier tal-ecabs u cioe' Dragan Petrovic ma gharafx lill-appellanti dan qal li kellha sninha mhassra, filwaqt li x-xufiera ta' Peppin u cioe'Michela Bonello kienet kapaci tidentifika lill-istess appellanti. Petrovic xehed ukoll li kien gie offrut li jigi mhallas bir-*res furtiva* u cioe' bil-hwejjeg misruqa. Din il-Qorti ghalhekk taqbel perfettament ma l-Ewwel Qorti meta ddecidiet illi l-provi indirizzarji flimkien jikkostitwixxu katina t'evidenza li ma jhallix lil din il-Qorti tiddubita li l-appellanti kienet wahda mill-persuni li serqet mill-istabbiliment ta' Gallarija Darmanin.

Illi fir-rigward tas-**<u>sitt akkuza</u>** u cioe' tar-reat hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tinnota illi fis-seduta tat-28 ta'Marzu, 2023 quddiem din l-istess Qorti, l-appellanti ammettiet dan l-istess reat.

Illi fir-rigward tas-**<u>seba' akkuza</u>** u cioe' tar-reat hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak mistqarr mill-appellanti stess fl-istqarrija minnha rilaxxata a fol. 46 et seq tal-process fejn din qalet dawn il-preciz kliem:

> *'Jien tlabt biex inpejjep sigarett ghax kont ilni jumejn fis-sodda. Lanqas icaqlaqt jien. Qas dhalt ninhasel. Hi bdiet tohrog tpejjep u jien ghedtilha ha nohrog mieghek. Qaltli jien ma nistax nohorgok. Ghidilha fejn trid tiksira l-ligi ghax suppost ma tohrogx tpejjep u thalli lili wahdi mas-security tal-isptar. Imbghad qomt bil-wieqfa u bqajt ninsiti li rrid*

*npejjep u riedet timmanetjani bilfors mas-sodda u* ***ma hallejtiex u mbuttajta.*** *Imbghad harget tghajjat lis-security. Imbghad gie ragel pulizija minn x'imkien iehor u qalli isma minni poggi bilqieghda...'*

F'dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ricenti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jeffrey Cilia et**[20] fejn gie ritenut ezatt hekk:

*'21. Illi ghalkemm jirrizulta sodisfacentement pruvat ukoll illi l-appellat* ***imbotta lill-ufficcjal ghal aktar minn darba izda dak l-agir jirraviza r-reat ipotizzat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali*** *meta l-appellat ma huwiex imputat b'dan ir-reat;'*

Ghaldaqstant ma hemm l-ebda dubbju illi kif ammess mill-istess appellanti fl-istqarrija taghha, hija mbuttat lil PC 2203 Chantelle Zahra waqt li din kienet *fixed point* maghha gewwa l-isptar Mater Dei.

Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Ivan (John) Felice**[21] deciz nhar l-4 ta' Gunju 2002 gie ritenuto hekk:

*'Din il-Qorti, ghall-anqas kif presjeduta, dejjem irriteniet li r-reat kontemplat fl-****Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali huwa wiehed serju hafna. Minn ikun inkarigat minn servizz pubbliku u jkun qieghed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti – bhalma normalment jaghmlu l-pulizja fil-kors normali tad-doveri taghhom – ghandu jinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi, u tali protezzjoni tigi billi, wara li dak li jkun jinstab hati ta' dan ir-reat, tinghata l-piena stabbilita` mill-ligi li hija l-piena ta' prigunerija. Irrabjat kemm kien irrabjat l-apellant, jew anke jekk kien genwinament inkwetat dwar ibnu minhabba li ra xi tbengil fuq il-persuna tieghu, taht ebda cirkostanza ma jista' jigi skuzat ghal dak li***

[20] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Frar, 2022.
[21] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Gunju, 2002.

***ghamel. Linkolumita` fizika tal-pulizija m'ghandiex tigi perikolata semplicement ghax dak li jkun ikun irrabjat, inkwetat jew ghax taqbilzu c-cinga!***[22]

F'dan ir-rigward ma hemmx dubbju illi l-appellanti kienet aggressiva fizikament fil-konfont t'ufficjal tal-pulizija li kienet ghaddeja bil-qadi ta'dmirijieta. Ghaldaqtant din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti meta ddecidiet illi bl-agir tal-appellanti huma rikonstrabbli l-elementi kollha tar-reat taht l-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali.

Illi fir-rigward **tad-disa' akkuza** fejn l-appellanti giet akkuzata bir-reat kontravenzjonali taht l-Artikolu 355AL(3) tal-Kodici Kriminali u cioe' li naqset milli thares kundizzjoni tal-*police bail* fuqha mposta, din il-Qorti taghmel referenza ghall-istqarrija rilaxxata mill-appellanti fejn din mistqosija dwar il-kundizzjoni tal-*police bail*, wiegbet is-segwenti:

*'Taqbel li nhar it-12 ta' Marzu, 2021 int gejt moghtija il-Police Bail fejn wahda mill-kundizzjonijiet kienet li tattendi gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara nhar it-13/03/2021 fis-13:00hrs?'*

*'Iva. L-ewwel kont gejja. Cempiltlek imbghad* ***biddilt fhemti u ma gejtx****. Ghax ghedt jekk immur se jitfani l-habs u ma ridx nixtri t-tarbija l-habs..'*

Stante din l-ammissjoni, din il-Qorti ma tistax hlief li taqbel ukoll mal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward meta sabet l-appellanti hatji ghad-disa' imputazzjoni migjuba kontra taghha.

In vista tas-suespost, din il-Qorti qedgha tichad l-aggravju tal-appellanti dwar l-apprezzament hazin ta'provi mill-Ewwel Qorti.

---

[22] Enfasi ta' din il-Qorti.

l-appellanti talbet illi f'kaz illi l-aggravju t' apprezzament hazin ta' provi ma jigix milqugh, din il-Qorti ghandha tirriforma l-piena ghal wahda inqas harxa u iktar idonea.

Kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tarquin Vella** moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-ezercizzju tad-Dritt Penali modern hija ppernjata fuq tliet principji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

F'sentenza deciza minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **il-Pulizija vs Gilbert Bezzina**[23] din l-istess Qorti enfasizzat is-segwenti:

> *'L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-hati jrid jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' socjali.*
>
> *L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biza li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minabba l-biza li tehel il-piena, persuna tigi mgeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att hkriminuż. L-effett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-iehor ta' natura specjali.*

[23] Deciza nhar is-16 t' Ottubru 2020

*L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tigi kemm jista' jkun mizmuma milli tikkommetti reati minhabba l-biza li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerga jahsibha sew qabel ma jagħzel li jikser il-Ligi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biza mill-piena minhabba li l-Ligi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgiegħel lill-kollettivita milli tiddezisti ghax jekk tiddelinkwi minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall-ezistenza pacifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati li hu proprju dak li jikkoncerna lil din il-Qorti specjalmet fil-kaz ta' reati kommessi minn teenagers kif inhu dan il-kaz. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghall-kollettivita in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-socjeta' bhal meta kien filmument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Izda aktar minn hekk il-hati ghandu jkollu dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jigi mghejjun itejjeb l-imgieba tieghu b'mod li ghalhekk ikun jista' jerga jigi reintegrat fis-socjeta, billi jigi riedukat, imħeggeg jizviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tieghu, inkoraggit jahdem biex ikollu biex jerga jibni hajtu, jkollu biex jghix dicenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn ghad-danni li jkun ikkawza b'eghmilu. F'dan is-sens allura Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikacja repressiva.'*

Il-gurisprudenza prevalenti, tghallem li meta Qorti tigi biex terroga piena trid tiehu kont tac-cirkostanzi kollha li jsawru l-kaz, jigifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-hatja. F'dan is-sens, kemm il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliza tistabbilixxi li fl-eżercizzju ta' revizjoni imholli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistharreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis ic-cirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setghet kienet f'qaghda li tara, kif ukoll, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-Ewwel qorti.

Dak li din il-Qorti issa trid tezamina hu jekk l-Ewwel Qorti setghetx tikkomina dik il-piena sabiex tkun certa li tali piena kienet fil-parametri tal-ligi u li ma kien hemm xejn x'jiddemostra li fil-fatt kellha tkun anqas minn dik kominata. Altrimenti ma jkunx hemm lok li tkun disturbata id-diskrezzjoni fdata f'idejn l-Ewwel Qorti. B'harsa lejn l-Artikoli tal-Kodici Kriminali, fosthom l-Artikoli 17, 95,96 279 u 355AL, jidher bic-car illi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti hija wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi u zgurli mhix wahda massima. Ghalkemm id-difiza sahqet illi din il-Qorti ghandha titratta lill-appellanti bhaa persuna li qisha qatt ma dahlet il-Qorti, din il-Qorti ma tistax ma tinnutax il-fedina penali tal-istess appellanti fejn din bdiet ixellef diffrejha mal-gustizzja minn meta kienet ghadha minuri. Jidher bic-car mill-istess fedina penali illi minkejja li l-appellanti nghatat f'diversi opportunitajiet sabiex tirriforma ruhha, hija

ma hatfitx dan ic-cans sabiex taghmel dan. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fhema illi s-sentenza mposta mill-Ewwel Qorti hija wahda gustifikata u m'ghandiex ghalxiex tigi mibdula jew varjata.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti sejra tichad *in toto* l-aggravji tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier taghha.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**
**Deputat Registratur**